MT



MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 20.4.2010
KUMM(2010) 171 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa**

**Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma**

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

***Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa***

**Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma**

1. Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa

Iż-żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija, flimkien mal-istrateġija Ewropa 2020, element ċentrali tar-reazzjoni tal-UE għall-isfidi globali għat-tul, u kontribut għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-mudell Ewropew tal-ekonomija tas-suq soċjali lejn is-seklu 21.

Fi żmien ta' bidla, hekk kif id-dinja qed tibda ħierġa mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-Unjoni Ewropea għandha aktar minn qatt qabel id-dmir li tipproteġi u tipproġetta l-valuri tagħna, u li tiddefendi l-interessi tagħna. Ir-rispett lejn il-persuna umana u lejn id-dinjità umana, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà huma l-valuri tagħna li jibqgħu għal dejjem, fi żmien ta' tibdil soċjali u teknoloġiku bla waqfien. Dawn il-valuri għandhom għalhekk ikunu fil-qalba tal-isforzi tagħna.

Il-programm ta' Stokkolma adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2009[1] jistabbilixxi l-prijoritajiet għall-iżvilupp taż-żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-ħames snin li ġejjin. Dak li fih jirrifletti d-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill, mal-Istati Membri u ma' dawk kollha involuti matul l-aħħar snin. Fil-qalba tiegħu hemm l-ambizzjonijiet li l-Kummissjoni fissret fil-Komunikazzjoni[2] tagħha f'Ġunju 2009, li wasslet għall-adozzjoni tal-Programm ta' Stokkolma.

Il-forza ewlenin tal-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam fis-snin li ġejjin ser tkun "Is-Sedqa tal-Ewropa tan-nies", biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw drittijiethom u jibbenefikaw bis-sħiħ mill-integrazzjoni Ewropea.

Huwa fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja li ċ-ċittadini jistennew l-aktar minn dawk li jfasslu l-politika, peress li dan jaffetwahom fil-ħajja ta' kuljum. In-nisa u l-irġiel fl-Ewropa bi dritt jistennew li jgħixu f'Unjoni prospera u paċifika, fiduċjużi li d-drittijiet tagħhom ikunu rispettati bis-sħiħ u li s-sigurtà tagħhom tkun garantita.

Żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għandha tkun qasam fejn in-nies kollha, inklużi ċittadini ta' pajjiżi terzi, jibbenefikaw mir-rispett effettiv tad-drittijiet fundamentali kif imnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

L-għan ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa dak li jinkisbu dawk il-prijoritajiet, kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell globali, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jibbenefikaw mill-progress li jsir fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. Għandu wkoll jippermettilna li nħarsu lil hinn u nakkwistaw reazzjoni Ewropea determinata u adegwata għal sfidi Ewropej u globali.

---

[1] Dokument tal-Kunsill 17024/09, adottat mill-Kunsill Ewropew fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2009.

[2] COM(2009) 262: "Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini"

Id-dħul fid-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona jippermetti lill-Unjoni li turi ambizzjoni akbar fit-tweġiba li għandna nagħtu għat-tħassib u l-aspirazzjonijiet ta' kuljum tan-nies fl-Ewropa. L-ewwel nett, ir-rwol akbar tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur f'ħafna oqsma u l-involviment akbar tal-parlamenti nazzjonali se jagħmlu lill-UE aktar responsabbli għall-azzjonijiet tagħha fl-interessi taċ-ċittadin u sseddaq il-leġittimità demokratika tal-Unjoni. It-tieni nett, l-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill għall-biċċa l-kbira tal-oqsma ta' politika sejra tirrazzjonalizza t-teħid tad-deċiżjonijiet. U fl-aħħar nett, se jittejjeb l-istħarriġ ġudizzjarju peress li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja se tassumi s-superviżjoni ġudizzjarja tal-aspetti kollha tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, filwaqt li l-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali se ssir legalment vinkolanti. It-Trattat jagħti lill-Unjoni l-għanijiet il-ġodda ta' ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u kontra d-diskriminazzjoni, u jirrijafferma l-għan li tisseddaq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

L-Unjoni għandha għalhekk tkun determinata meta twieġeb għall-aspettattivi u t-tħassib taċ-ċittadini tagħna. L-Unjoni għandha tirreżisti t-tendenzi li s-sigurtà, il-ġustizzja u d-drittijiet fundamentali jiġu ttrattati f'iżolament minn xulxin. Dawn jimxu id f'id f'approċċ koerenti biex jintlaqgħu l-isfidi tal-lum u tas-snin li ġejjin.

2. Garanzija tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali

Il-ħarsien tad-drittijiet imnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandha tkun il-boxxla għal-liġi kollha, u għal-linji ta' politika tal-UE, għandha tingħata l-effettività kollha u d-drittijiet tagħha għandhom isiru aktar tanġibbli u effettivi. Il-Kummissjoni se tapplika "Politika ta' Tolleranza Żero" fejn jidħlu każijiet ta' ksur tal-Karta. Il-Kummissjoni sejra ssaħħaħ il-mekkaniżmi li għandha biex tara li jkun hemm konformità mal-Karta, u se tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'soċjetà globali kkaratterizzata minn tibdil teknoloġiku mgħaġġel, fejn l-iskambju ta' informazzjoni ma jafx b'konfini, huwa importanti b'mod partikolari li għandha titħares il-privatezza. L-Unjoni għandha tara li d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta jkun applikat b'mod konsistenti. Għandna bżonn insaħħu l-pożizzjoni tal-UE fil-ħarsien tad-dejta personali tal-individwu fil-kuntest tal-linji politiċi kollha tal-UE, inkluż l-infurżar tal-liġi u l-prevenzjoni tal-kriminalità kif ukoll fir-relazzjonijiet internazzjonali tagħna.

L-istrumenti ta' politika kollha se jintużaw biex ikun hemm reazzjoni Ewropea soda għall-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, inklużi l-vjolenza domestika u l-mutilazzjoni ġenetika femminili, biex jiġu mħarsa d-drittijiet tat-tfal u biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, razziżmu, ksenofobija u omofobija. Għandu jingħata kas partikolari fuq il-bżonnijiet ta' dawk f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Id-differenzi fil-garanziji pprovduti lill-vittmi tal-kriminalità u t-terroriżmu madwar is-27 Stat Membru għandhom jiġu analizzati u mnaqqsa bil-ħsieb li tiżdied il-protezzjoni bil-mezzi kollha disponibbli. Il-liġi Ewropea għandha tiggarantixxi livell għoli ta' drittijiet għall-akkużat f'termini ta' ġustizzja fil-proċeduri. Il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, inkluż fil-ħabsijiet, għandhom ukoll jiġu indirizzati.

3. L-għoti tas-saħħa liċ-ċittadini Ewropej

Iċ-ċittadinanza Ewropea għandha tkompi timxi minn kunċett imnaqqax fit-Trattati biex issir realità tanġibbli li turi fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini il-valur miżjud tagħha 'l fuq miċ-ċittadinanza nazzjonali. Jeħtieġ li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet tagħhom li ġejjin mill-integrazzjoni Ewropea.

L-iffaċilitar tal-mobilità taċ-ċittadini huwa ta' importanza kruċjali fil-proġett Ewropew. Il-moviment ħieles huwa dritt ċentrali taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom. Jeħtieġ li jkun infurzat b'rigorożità. Il-mobilità għandha tittejjeb billi jitneħħa x-xkiel li ċ-ċittadini għadhom isibu quddiemhom meta jiddeċiedu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom li jmorru jgħixu fi Stat Membru barra dak tagħhom biex jistudjaw jew biex jaħdmu, biex jistabbilixxu negozju, biex jibdew familja jew biex jirtiraw. Iċ-ċittadini għandhom jitħarsu kull fejn ikunu madwar id-dinja. Kull ċittadin tal-UE li jinsab f'pajjiż fejn l-Istat Membru tiegħu ma jkunx rappreżentat għandu jirċievi assistenza konsulari minn ambaxxati jew konsulati ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu.

L-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, u l-inkoraġġiment tiegħu, huwa kruċjali biex iċ-ċittadini jinġiebu eqreb lejn il-proġett Ewropew. Hija ambizzjoni komuni li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Id-dritt taċ-ċittadini li jivvotaw u jiġu eletti fl-elezzjonijiet lokali u Ewropej fejn jgħixu għandu jkompli jiġi promoss u msaħħaħ. L-Inizjattiva taċ-Ċittadin hija spinta qawwija għad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej u tal-leġittimità demokratika tal-Unjoni.

## 4. It-tisħiħ tal-fiduċja fiż-żona ġudizzjarja Ewropea

Iż-żona ġudizzjarja Ewropea u t-tħaddim kif xieraq tas-suq wieħed huma mibnija fuq il-prinċipju ċentrali tal-għarfien reċiproku. Dan jista' jaħdem b'mod effettiv biss fuq il-bażi ta' fiduċja reċiproka fost l-imħallfin, il-professjonisti legali, in-negozjanti u ċ-ċittadini. Il-fiduċja reċiproka tirrikjedi livelli minimi u gharfien imsaħħaħ tat-tradizzjonijiet legali u tal-metodi differenti.

Mhux biżżejjed li jiġu stabbiliti drittijiet. Id-drittijiet u l-obbligi jsiru realità biss jekk ikunu disponibbli b'faċilità għal dawk li jkollhom dritt għalihom. L-individwi għandhom jingħataw id-dritt li dawn id-drittijiet jiġu invokati kulfejn jinzertaw li jkunu jinsabu fl-Unjoni.

Żona ġudizzjarja Ewropea li tkun taħdem tajjeb hija ta' benefiċċju għal-linji ta' politika kollha tal-Unjoni, u tappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom. B'mod partikolari għandha tkun għas-servizz taċ-ċittadini u tan-negozjanti sabiex tkun ta' sostenn għall-attività ekonomika fis-suq wieħed, u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni issa għandha l-għodda biex il-ħajja ta' kuljum tan-nies, u l-prattiki ta' negozju ta' kuljum, jiħfiefu, b'mod li jiġu rikonċiljati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tas-suq wieħed mad-diversità tat-tradizzjonijiet legali fost l-Istati Membri.

Il-liġi tal-Unjoni tista' tiffaċilita l-mobilità u tagħti s-saħħa liċ-ċittadini li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-moviment ħieles. Għal koppji internazzjonali, tista' tnaqqas tensjoni bla bżonn meta dawn jiddivorzjaw jew jinfirdu u tista' tneħħi l-inċertezza legali li teżisti bħalissa fejn jidħlu t-tfal u l-ġenituri tagħhom f'sitwazzjonijiet transkonfinali. Tista' tgħin fl-eliminazzjoni tal-għarfien ta' atti legali u twassal għal għarfien reċiproku tal-effetti ta' dokumenti tal-istat ċivili. Meta ċ-ċittadini jsuqu lejn Stat Membri ieħor u jkollhom l-isfortuna li jaħbtu bil-karozza, għandhom bżonn taċ-ċertezza legali dwar iż-żmien ta' limitazzjoni tal-klejms tal-assikurazzjoni.

Il-liġi tal-Unjoni tista' tkun ta' kontribut konkret u qawwi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 u biex tittaffa l-ħsara li saret mill-kriżi finanzjarja. Se tiġi proposta leġiżlazzjoni ġdida tal-UE kulfejn ikun meħtieġ u xieraq biex jissaħħaħ is-suq wieħed tagħna, b'mod li n-negozji jiġu mgħejjuna billi jitneħħa x-xkiel amministrattiv u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet.

Li tonqos il-burokrazija għan-negozji hija prijorità ċara u l-proċess ikkumplikat u għali *exequatur*, li hu meħtieġ għall-għarfien u l-infurzar ta' sentenza f'ġuriżdizzjoni oħra għandu sistematikament jiġi kkunsinjat lill-istorja filwaqt li jinżammu s-salvagwardji neċessarji. Il-garanzija li d-dejn transkonfinali jkun jista' jiġi rkupart malajr daqs dak domestiku tkun ta' għajnuna biex in-negozji tagħna jafdaw is-suq wieħed u l-proċedimenti effiċjenti tal-insolvenza tagħna u tista' tkun ta' għajnuna fl-irkupru mill-kriżi ekonomika. It-tranżazzjonijiet transkonfinali jistgħu jsiru b'mod aktar faċli billi tiżdied il-koerenza tal-liġi Ewropea tal-kuntratti. In-negozji mhux qed jieħdu vantaġġ biżżejjed mill-potenzjal li joffri l-internet biex iżidu il-bejgħ: Il-liġi tal-Unjoni tista' tkun ta' għajnuna billi żżid il-ħtieġa tan-negozji għaċ-ċertezza legali u fl-istess ħin tiggarantixxi l-ogħla livell ta' protezzjoni tal-konsumatur. Il-konsumaturi għandhom ikunu jafu d-drittijiet tagħhom u jingħataw aċċess għal rimedju f'każijiet transkonfinali. Fl-aħħar nett, iż-żieda fl-użu ta' riżoluzzjoni alternattiva tal-kunflitti tista' tkun ta' kontribut lejn l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja.

Il-liġi kriminali hija qasam relattivament ġdid ta' azzjoni tal-UE li għalih it-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi qafas legali ċar. Strateġija ta' ġustizzja kriminali, li tkun tirrispetta bis-sħiħ is-sussidjarjetà u l-koerenza, għandha tiggwida l-politika tal-UE għall-approssimazzjoni tal-liġi kriminali sostantiva u proċedurali. Għandha titwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u l-Kunsill u tagħraf li l-attenzjoni tkun primarjament fuq l-għarfien reċiproku u l-armonizzazzjoni ta' offiżi u jsiru sanzjonijiet għal każijiet magħżula.

L-amministrazzjoni tal-ġustizzja m'għandhiex tittellef minn differenzi mhux ġustifikati bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri: il-kriminali m'għandhomx ikunu jistgħu jaħarbu mill-prosekuzzjoni u l-ħabs billi jaqsmu l-fruntieri u jisfruttaw id-differenzi bejn is-sistemi legali nazzjonali. Hija meħtieġa bażi proċedurali komuni Ewropea solida. Sistema ġdida u komprensiva biex tinkiseb l-evidenza f'każijiet transkonfinali u skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar offiżi kommessi huma għodda essenzjali fl-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-Kummissjoni se tħejji t-twaqqif ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mill-Eurojust, bir-responsabbiltà li jinvestiga, jagħmel il-prosekuzzjoni ta', u jressaq għall-proċess offiżi kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Meta tkun qed tagħmel hekk, il-Kummissjoni se tkompli tirriflett fuq il-kooperazzjoni mal-atturi involuti, inkluż l-Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda kontra l-Frodi (OLAF).

5. Niżguraw is-sigurtà tal-Ewropa

L-Ewropa qed taffaċċja żieda fil-kriminalità transkonfinali. Huwa l-obbligu tagħna li naħdmu id f'id mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew, ma' pajjiżi terzi kruċjali u mal-komunità tan-negozju fejn ikun xieraq, u nagħmlu li nistgħu biex naraw li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jgħixu f'ambjent bla perikli.

It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi lill-Unjoni b'għodda aħjar fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

Strateġija ta' Sigurtà Interna, ibbażata fuq ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri, se tkun implimentata bil-galbu u b'rieda soda li jiġu ffaċċjati l-isfidi transkonfinali, li qed jiżdiedu. Hija timplika approċċ koordinat għall-kooperazzjoni tal-pulizija, tal-ġestjoni tal-fruntieri, kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali u l-protezzjoni ċivili. Jeħtieġ li nindirizzaw it-theddid kollu komuni ta' sigurtà, mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata sad-diżastri kkawżati mill-bniedem u oħrajn naturali. Meta wieħed iqis iż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji ġodda, it-trattament effiċjenti ta' dak it-theddid jeħtieġ ukoll

politika kumplimentari li tiżgura l-istat ta' tħejjija u l-qawwa tan-netwerks u tal-infrastruttura ICT tal-Ewropa.

Biex tirnexxi, din l-istrateġija trid tibni fuq l-esperjenza u l-lezzjonijiet li ttieħdu. Wasal iż-żmien li nevalwaw l-approċċi li użajna fil-passat, meta l-Unjoni kellha tirreaġixxi għal avvenimenti traġiċi mhux mistennija, ħafna drabi kull każ għalih, u biex nikkapitalizzaw fuq il-qafas istituzzjonali ġdid li hemm fit-trattat ta' Lisbona, b'approċċ koerenti u multidixxiplinarju.

It-twaqqif ta' aġenda strateġika għall-iskambju ta' informazzjoni tinħtieġ ħarsa ġenerali tal-ġabra ta' dejta eżistenti, is-sistemi ta' pproċessar u ta' skambju ta' dejta, b'evalwazzjoni fil-fond tal-utilità, l-effiċjenza, l-effettività, il-proporzjonalità tagħhom, kif ukoll ir-rispett tagħhom tad-dritt għall-privatezza. Għandha wkoll tifrex it-tapit għal żvilupp koerenti tas-sistemi ta' informazzjoni kollha eżistenti u tal-futur.

Bħala prijorità għandna bżonn naraw fejn qegħdin fil-miżuri ta' kontra t-terroriżmu li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin u kif jistgħu jittejbu biex ikunu ta' kontribut biex iċ-ċittadini tagħna jitħarsu u jkun hemm valur miżjud għall-azzjoni tal-Istati Membri. Il-qafas istituzzjonali ġdid joffri lill-Unjoni opportunità bla preċedenti biex tgħaqqad flimkien l-istrumenti differenti tagħha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Miżuri dwar il-kriminalità organizzata li jistgħu jittieħdu fil-futur għandhom jużaw il-qafas istituzzjonali ġdid bl-aktar mod qawwi possibbli. It-traffikar tal-bnedmin, il-pornografija tat-tfal, il-kriminalità fuq l-internet, il-kriminalità finanzjarja, il-falsifikazzjoni tal-mezzi tal-pagamenti u t-traffikar tad-drogi għandhom kollha jkunu affaċċjati b'mod komprensiv. Iż-żieda fl-effettività tal-prosekuzzjoni u s-sejba tal-ħtija hija ħaġa importanti daqs kemm hi l-attenzjoni għall-ħtiġijiet tal-vittmi ta' dawn l-atti kriminali, u tnaqqas id-domanda għal servizzi minn vittmi potenzjali. Il-ġabra tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri fejn jidħlu drogi u rotot speċifiċi se tkun l-ewwel tweġiba operattiva konkreta.

Għandna bżonn ukoll inneħħu l-ostakoli kollha li jxekklu l-kooperazzjoni effettiva fl-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri. L-aġenziji u l-entitajiet tal-UE, bħalma huma l-FRONTEX, il-Europol, u l-Eurojust, kif ukoll l-OLAF, għandhom rwol kruċjali. Għandhom jikkooperaw aħjar u jingħataw il-poteri u r-riżorsi meħtieġa biex jakkwistaw l-għanijiet tagħhom fi ħdan rwoli definiti b'mod ċar.

L-Unjoni se tkompli b'approċċ integrat ta' kontroll fuq l-aċċess għat-territorju tagħha f'żona Schengen imkabbra, biex tkompli tiffaċilita l-mobilità u tiżgura livell għoli ta' sigurtà interna. Se tkompli l-liberalizzazzjoni tal-viża, speċjalment ma' pajjiżi ġirien, sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn in-nies, abbażi ta' kundizzjonijiet definiti b'mod ċar.

L-użu intelliġenti ta' teknoloġiji moderni f'ġestjoni usa' kumplimentari ma' għodda eżistenti bħala parti minn proċess ta' ġestjoni tar-riskju jista' wkoll jagħmel lill-Ewropa aktar aċċessibbli għal vjaġġaturi bona fide u jistimula l-innovazzjoni fost l-industriji tal-UE, biex b'hekk ikun ta' kontribut għall-ġid u t-tkabbir tal-Ewropa, u jiżgura s-sensazzjoni ta' sigurtà fost iċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-bidu tat-tħaddim tas-sistemi SIS II u VIS se jkompli jkun ta' prijorità għolja.

Il-protezzjoni taċ-ċittadini mir-riskji li hemm fil-kummerċ internazzjonali ta' prodotti ffalsifikati, projbiti u perikolużi tirrikjedi wkoll approċċ koordinat, li jibni fuq is-saħħa tal-awtoritajiet tad-dwana. Il-protezzjoni kontra prodotti li jagħmlu ħsara u perikolużi trid issir

b'mod effettiv u strutturat permezz ta' ġestjoni tar-riskju bbażata fuq kontrolli ta' prodotti, tal-katina tal-provvista u ta' kull tip ta' fluss ta' prodotti.

L-isforzi tagħna biex tingħata għajnuna lin-nies se tinkludi r-rwol tal-UE fil-prevenzjoni tal-kriżi u d-diżastri, fl-istat ta' tħejjija u fir-reazzjoni. L-evalwazzjoni ulterjuri u l-azzjoni neċessarja fil-livell tal-UE fil-ġestjoni tal-kriżi se tkun ta' prijorità immedjata. Il-Mekkaniżmu tal-UE tal-Protezzjoni Ċivili se jissaħħaħ biex jitjiebu d-disponibbiltà, l-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni tal-assistenza mogħtija mill-Istati Membri. Trid tittejjeb ukoll il-prevenzjoni. L-Unjoni se timplimenta l-klawżola ta' solidarjetà.

6. It-tqegħid tas-solidarjetà u r-responsabbiltà fil-qalba tar-reazzjoni tagħna

Id-difiża robusta tad-drittijiet fundamentali tal-immigranti li ġejja mir-rispett għall-valuri tagħna ta' dinjità u solidarjetà umana se tippermettilhom li jikkooperaw bis-sħiħ fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropea tagħna. L-immigrazzjoni għandha rwol siewi biex tiġi indirizzata l-isfida demografika tal-Unjoni u biex il-prestazzjoni ekonomika qawwija tal-UE tiġi sostnuta għat-tul. Għandha potenzjal qawwi biex tikkontribwixxi għall-istrateġija Ewropa 2020 billi tipprovdi sors addizzjonali ta' tkabbir dinamiku.

Matul il-ftit snin li ġejjin, l-attenzjoni se tkun fuq il-konsolidazzjoni ta' politika komuni ġenwina dwar l-immigrazzjoni u l-ażil. Il-kriżi ekonomika preżenti m'għandhiex tfixkilna biex nagħmlu hekk b'ambizzjoni u deteminazzjoni. Għall-kuntrarju, huwa meħtieġ aktar minn qatt qabel li jiġu żviluppati dawn il-linji ta' politika, fi ħdan viżjoni għat-tul ta' rispett għad-drittijiet fundamentali u għad-dinjità umana u biex tissaħħaħ is-solidarjetà, b'mod partikolari bejn l-Istati Membri hekk kif flimkien jerfgħu il-piż ta' sistema umana u effiċjenti. Ladarba dawn il-linji ta' politika jiġu kkonsolidati, il-progress li jkun sar għandu jiġi evalwat skont l-għanijiet ambizzjużi tagħna. Skont kif ikun xieraq, jiġu proposti miżuri ulterjuri.

L-Unjoni se tiżviluppa politika ta' migrazzjoni komuni ġenwina li tkun tikkonsisti minn oqfsa ġodda u flessibbli għad-dħul ta' immigranti legali. Dan jippermetti lill-Unjoni tadatta għal mobilità li tiżdied u għall-ħtiġijiet tas-swieq nazzjonali tax-xogħol, fir-rispett tal-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

L-UE għandha tirsisti għal livell uniformi ta' drittijiet u obbligi għall-immigranti legali li jkun kumparabbli ma' dak taċ-ċittadini Ewropej. Dawn id-drittijiet, ikkonsolidati f'kodiċi ta' immigrazzjoni, u regoli komuni biex tiġi ġestita b'mod effiċjenti r-rijunifikazzjoni tal-familji, huma essenzjali biex jiġu massimizzati l-effetti pożittivi tal-immigrazzjoni legali għall-benefiċċju ta' dawk kollha involuti u se jsaħħu l-kompetittività tal-Unjoni L-integrazzjoni tal-immigranti se tibqa' ssir, fil-ħarsien ta' drittijiethom filwaqt li jiġu enfasizzati wkoll ir-responsabbiltajiet tagħhom stess li jintegraw fis-soċjetajiet li fihom jgħixu.

Il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-immigrazzjoni irregolari, f'konformità mal-Karta tad-Dritittijiet Fundamentali, hija daqstant ieħor importanti għall-kredibbiltà u s-suċċess tal-linji ta' politika tal-UE f'dan il-qasam. Is-sitwazzjoni ta' tfal waħedhom se tingħata attenzjoni speċjali.

Ir-reazzjoni tagħna għal din l-isfida globali tinħtieġ tisħib ġenwin ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu u l-inkorporazzjoni tal-kwistjonijiet kollha tal-immigrazzjoni f'qafas komprensiv ta' politika . L-approċċ globali lejn l-immigrazzjoni għalhekk se jibqa' jiġi segwit u implimentat.

Għandna nonoraw l-obbligu tagħna li nirrispettaw id-dritt fundamentali tal-ażil, inkluż il-prinċipju li l-applikanti ma jintbagħtux lura. It-twaqqif ta' sistema ta' ażil komuni Ewropea u tal-uffiċċju Ewropew ta' appoġġ għall-ażil għandu jiżgura stejtus uniformi, livelli komuni għolja ta' protezzjoni fl-UE u proċedura komuni ta' ażil, b'għarfien reċiproku bħala l-għan għat-tul. Is-solidarjetà se tkun fil-qalba tal-politika tagħna tal-ażil u ta' sistemazzjoni mill-ġdid, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll ma' dawk li madwar id-dinja qed jaffaċċjaw il-persekuzzjoni.

7. Kontribuzzjoni lejn Ewropa globali

L-għanijiet politiċi mfissra hawn fuq ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn effettiv ma' sħabna f'pajjiżi mhux tal-UE u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dimensjoni esterna qawwija, konsistenti mal-azzjoni esterna ġenerali tal-Unjoni, se tgħinna nanticipaw l-isfidi u nilħqu l-għanijiet, inklużi l-promozzjoni tal-valuri tagħna u t-twettiq tal-obbligi internazzjonali tagħna fejn jidħlu drittjiet tal-bniedem.

Politiki interni u esterni fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà huma marbuta flimkien b'mod intrinsiku. Il-kontinwità u l-konsistenza bejn linji ta' politika interni u esterni huma essenzjali fil-kisba tar-riżultati, bħalma huma l-koerenza u l-kumplimentarità bejn l-Unjoni u l-azzjoni tal-Istati Membri.

It-Trattat ta' Lisbona joffri possibbiltajiet ġodda għall-Unjoni Ewropea biex taġixxi b'mod aktar effiċjenti fir-relazzjonijiet esterni. Skont dan it-Trattat, il-Kummissjoni għandha r-rwol ċentrali biex twettaq id-dimensjoni esterna tal-UE tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Skont dan it-Tratat, ir-Rappreżentant Għoli/il-Viċi President tal-Kummissjoni u l-Kummissjoni se jiżguraw koerenza bejn ir-relazzjonijiet esterni u l-aspetti l-oħra tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluża l-ħidma mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

8. Minn prijoritajiet politiċi għal azzjonijiet u riżultati

Il-progress fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jinħtieġ implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn il-prijoritajiet politiċi. Sabiex tarma ruħha biex tilħaq l-ambizzjonijiet imfissra mit-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni għandha, għall-ewwel darba, talloka responsabbiltajiet dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni lil żewġ Kummissarji, wieħed minn Viċi President tal-Kummissjoni.

Il-boxxla tagħna se tkun il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-metodoloġija tagħna se jkollha ħames punti: integrazzjoni aħjar ma' linji ta' politika oħrajn tal-Unjoni; it-titjib tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni Ewropea; implimentazzjoni aħjar f'livell nazzjonali; it-titjib tal-użu li jsir mill-għodda ta' evalwazzjoni; kif ukoll it-tlaqqigħ tal-prijoritajiet politiċi tagħna ma' riżorsi finanzjarji adegwati, fi ħdan il-qafas finanzjarju multiannwali.

Il-fiduċja reċiproka hija essenzjali biex isir il-progress ta' veru. Dan jirrekjedi li jiġu stabbiliti livelli minimi (eż. dwar drittijiet ta' proċedura) kif ukoll l-għarfien tat-tradizzjonijiet u metodi legali differenti. Kultura komuni Ewropea f'dan il-qasam, permezz tat-taħriġ u tal-iskambju tip ta' Erasmus, kif ukoll Istitut tal-Liġi Ewropea, li jibni fuq strutturi eżistenti kif ukoll netwerks, jistgħu jkunu ta' kontribut validu u se jkunu inkoraġġiti b'mod attiv.

Ħafna drabi ma jkunx biżżejjed li jitfasslu strumenti legali. L-ambizzjonijiet għandhom ikunu diskussi b'mod wiesa' u r-riżultati għandhom jiġu spjegati bis-sħiħ. Ħafna drabi ma jkun ċar xejn jekk iċ-ċittadini tal-Ewropa jkunux għal kollox konxji mid-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. M'għandhomx għalhekk biżżejjed saħħa biex jeżerċitawhom. Komunikazzjoni aħjar għandha tgħin liċ-ċittadini jibbenefikaw mill-progress li sar fil-livell tal-UE u tagħlaq il-qasma bejn ir-realtà tal-integrazzjoni Ewropea u l-perċezzjonijiet tan-nies.

It-tabella mehmuża hija gwida għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-ħames snin li ġejjin. Għandha l-għan li tikseb l-għanijiet politiċi kollha mfissra mill-Kunsill Ewropew fil-Programm ta' Stokkolma, li tirrispondi għall-prijoritajiet tal-Parlament Ewropew f'dawn l-oqsma u li tilqa' l-isfidi li hemm quddiemna. Hija tinkludi

azzjonijiet konkreti b'perjodi ċari ta' meta għandhom ikunu adottati u implimentati. Il-Kummissjoni tqis dawn l-azzjonijiet bħala marbuta ma' xulxin, indispensabbli u konsistenti mal-livell ta' ambizzjoni li l-Unjoni trid li turi.

Inizjattivi li jwettqu l-prijoritajiet politiċi komuni għandhom ikunu żviluppati u implimentati bil-għan li jintlaħaq l-aktar riżultat ambizzjuż possibbli, f'konformità mal-aspettattivi taċ-ċittadini. Huwa ż-żmien li jiġi żgurat li ċ-ċittadini jibbenefikaw bis-sħiħ mill-progress li sar fuq livell Ewropew. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni tiddependi fuq l-impenn politiku tal-atturi kollha konċernati: il-Kummissjoni bħala l-qawwa ta' tmexxija tiegħu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill meta jiddibattu u jifformalizzaw il-proposti, il-parlamenti nazzjonali fl-iskrutinju tagħhom tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. L-istess livell ta' impenn għandu jiggwida lill-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni tissorveljaha, u l-Qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali jiżguraw l-applikazzjoni korretta tagħha. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, iċ-ċittadin attiv u infurmat li għalih qed isir dan kollu huwa mutur ċentrali u attur fil-proċess kollu.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni m'għandux jidher bħala aġenda li hija ffissata darba għal dejjem. L-Unjoni għandha tkun tista' tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija, għandha tkun ħafifa biex taħtaf l-opportunitajiet u fl-antiċipazzjoni u l-adattazzoni għal bżonnijiet fil-futur. Il-Kummissjoni sejra għalhekk tuża d-dritt tagħha ta' inizjattiva kulfejn ikun meħtieġ biex dan jiġi żgurat. Il-Kummissjoni sejra wkoll tissottometti reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma fl-2012 biex tiżgura li l-programm jibqa' f'konformità mal-iżviluppi fl-Ewropa u fid-dinja.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex japprovaw dan il-Pjan ta' Azzjoni biex jitwettaq il-Programm ta' Stokkolma, u biex b'mod attiv ikunu impenjati għall-implimentazzjoni tiegħu.

<u>**ANNESS**</u>

**Garanzija tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali**

| **Ewropa mibnija fuq id-drittijiet fundamentali** | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Rakkomandazzjoni biex ikun awtorizzat in-negozjar tal-adezjoni mal-UE fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem | Il-Kummissjoni | 2010 (adottata) |
| Komunikazzjoni dwar il-politika tad-Drittijiet Fundamentali | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Il-Qafas Multiannwali tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali għandu jkopri l-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'affarijiet kriminali, | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Rapport dwar il-memorja ta' atti kriminali mwettqa minn reġimi totalitarji | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Rapport Annwali dwar il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali | Il-Kummissjoni | 2010<br>Għaddejjin bħalissa |
| Rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/335/JHA dwar 'l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra' | Il-Kummissjoni | 2011 |
| In-netwerk Ewropew ta' punti ta' kuntatt fejn jidħlu persuni responsabbli għall-ġenoċidju, atti kriminali kontra l-umanità u l-atti kriminali ta' gwerra | Il-Kummissjoni | Għaddejjin bħalissa |

| Il-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin fis-soċjetà tal-informazzjoni | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Komunikazzjoni dwar qafas legali ġdid għall-protezzjoni ta' dejta personali wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Qafas legali komprensiv ġdid għall-protezzjoni tad-dejta | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Komunikazzjoni dwar il-Privatezza u d-direzzjoni fl-Ewropa Diġitali: il-garanzija tal-fiduċja taċ-ċittadini fis-servizzi l-ġodda | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Rakkomandazzjoni biex jiġi awtorizzat in-negozjar ta' ftehim dwar ijl-protezzjoni tad-dejta personali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi mal-Istati Uniti tal-Amerika | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Komunikazzjoni dwar elementi fil-qalba għal protezzjoni tad-dejta personali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi għal skopijiet ta' infurżar tal-liġi | Il-Kummissjoni | 2012 |
| **Ngħixu flimkien f'żona li tirrispetta d-diversità u li tipproteġi lill-aktar persuni vulnerabbli** | | |

| Razziżmu u ksenofobija | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/913/JHA dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija | Stati Membri<br>Il-Kummissjoni | Novembru 2010<br>Għaddejjin bħalissa |
| Komunikazzjoni dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni | Il-Kummissjoni | 2011 |
| Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Diskriminazzjoni tar-Razza 2004/43/KE | Il-Kummissjoni | 2012 |
| Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/913/JHA dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija | Il-Kummissjoni | 2013 |

| Id-drittijiet tat-tfal | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Komunikazzjoni dwar l-istrateġija dwar id-drittijiet tat-tfal (2010 2014), fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-impatt tal-istrumenti tal-UE, sew internament kif ukoll esternament, li jaffettwaw id-drittijiet tat-tfal | Il-Kummissjoni | 2010 |

| | | |
|---|---|---|
| Inizjattivi dwar il-possibilitajiet li tintuża l-medjazzjoni tal-familja f'livell internazzjonali | Il-Kummissjoni | 2012 |
| Implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar mekkaniżmi ta' twissija fil-każ tal-ħtif tat-tfal | Stati Membri | 2011 |
| Regolament dwar hotlines tal-UE għal tfal rappurtati nieqsa | Il-Kummissjoni | 2012 |
| **Gruppi vulnerabbli** | | |
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Komunikazzjoni dwar l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tar-Roma fl-Ewropa | Il-Kummissjoni | 2010 (adottata) |
| Komunikazzjoni dwar strateġija biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa, il-vjolenza domestika u l-mutilazzjoni ġenetika femminili, li għandha tiġi segwita minn pjan ta' azzjoni tal-UE | Il-Kummissjoni | 2011 - 2012 |
| Rapport dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti, bl-evalwazzjoni anki tal-ħtieġa ta' proposti addizzjonali fejn jidħlu adulti vulnerabbli | Il-Kummissjoni | 2014 |
| Appoġġ prattiku u s-sedqa ta' l-aħjar prattiċi biex tingħata għajnuna lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-Artikolu 10 tat-TFUE, inkluż fejn jidħlu r-Roma | Il-Kummissjoni | Għaddejjin bħalissa |
| Adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti | L-Istati Membri | Għaddejja bħalissa |

| Vittmi tal-kriminalità, inkluż it-terroriżmu | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Proposta leġiżlattiva dwar strument komprensiv dwar il-protezzjoni tal-vittmi u pjan ta' azzjoni dwar miżuri prattiċi inkluż l-iżvilupp ta' Ordni ta' Protezzjoni Ewropew | Il-Kummissjoni | 2011 |

| Id-drittijiet tal-individwi fil-proċeduri kriminali | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Proposta leġiżlattiva dwar it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni | Il-Kummissjoni | 2010 (adottata) |
| Proposta leġiżlattiva dwar l-Informazzjoni dwar id-Drittijiet u Informazzjoni dwar l-Ispejjeż | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Proposta leġiżlattiva dwar il-Konsulenza Legali u l-Għajnuna Legali | Il-Kummissjoni | 2011 |
| Proposta Leġiżlattiva dwar il-Komunikazzjoni mal-Qraba, ma' Min Iħaddem u mal-Awtoritajiet Konsulari | Il-Kummissjoni | 2012 |
| Proposta Leġiżlattiva dwar Salvagwardji Speċjali għal Persuni Suspettati jew Akkużati li jkunu Vulnerabbli | Il-Kummissjoni | 2013 |

| | | |
|---|---|---|
| Green paper dwar jekk elementi ta' drittijiet proċedurali minimi għal persuni akkużati u suspettati, barra minn dawk koperti mill-proposti leġiżlattivi ta' qabel, għandhomx jiġu indirizzati | Il-Kummissjoni | 2014 |

**Detenzjoni**

| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
|---|---|---|
| Green paper dwar kwistjonijiet li jolqtu d-detenzjoni u s-segwitu meħtieġ | Il-Kummissjoni | 2011 |
| Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2008/909/JHA dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' għarfien reċiproku għal sentenzi f'affarijiet kriminali li jimponu sentenzi kustodjali jew miżuri li jinkludu ċ-ċaħda tal-libertà għall-iskop tal-infurzar tagħhom fl-Unjoni Ewropea | Il-Kummissjoni | 2013 |

**L-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini Ewropej**

| **Eżerċizzju sħiħ tad-dritt għall-moviment liberu** | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Segwitu tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt tal-moviment ħieles | Il-Kummissjoni | Għaddej bħalissa |
| It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE | Il-Kummissjoni | 2013 |
| L-inzjattiva ewlenija f'Ewropa 2020 "Iż-Żgħażagħ Mobbli" | Il-Kummissjoni | 2010 |
| **Dritt ta' protezzjoni fi stati mhux membri** | | |
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Komunikazzjoni dwar investigazzjoni tas-sitwazzjoni preżenti, u żviluppi futuri lejn protezzjoni konsulari aktar effiċjenti għaċ-ċittadini tal-UE | Il-Kummissjoni | 2010 |
| Proposta leġiżlattiva dwar it-titjib tal-kumpens finanzjarju ta' protezzjoni konsulari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi | Il-Kummissjoni | 2011 |
| Proposta għal direttiva li tistabbilixxi l-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari (li temenda d-Deċiżjoni 1995/553/KE) | Il-Kummissjoni | 2011 |

| Il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni | | |
|---|---|---|
| **Azzjonijiet** | **Il-parti responsabbli** | **Skeda** |
| Rapport taċ-Ċittadini li jinkludi analiżi u rimedji għal ostakoli kontra l-moviment ħieles, inkluż rapport dwar l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2009 | Il-Kummissjoni | 2010 |
